**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 136/2018**

**LU ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Limited***

**(C26761) ('il-provditur tas-servizz'/'*Crystal*')**

**Seduta tad-9 ta' Settembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn omm l-ilmentatrici tghid li bintha tbati mill-kundizzjoni tal-awtizmu u li kienet tagixxi ghaliha hi. Qed jigi sottomess li l-ilment jittratta telf li l-ilmentatrici garrbet minhabba *mis-selling* ta' erba' investimenti li *Crystal Finance Investments Limited* ('il-provditur tas-servizz' jew '*Crystal*') kienu investewlha flusha fihom.

L-ilment sar minn omm l-ilmentatrici li fih l-ilmentatrici sahqet li dawn – ir-*RENA*, *Rickmers*, u *Edcon*, kienu investimenti riskjuzi u *non-investment grade* u ma messhom qatt gew offruti lilha li ma kinitx tifhem fihom. Hi tenniet li tlieta minn dawn l-investimenti ma kinux mifruxa u kienu investiti t-tlieta li huma fil-*bonds* tar-*RENA*, li kien jaghmel parti minn *BP 143*, *BP 188* u *BP 153*, filwaqt li kellha investiment iehor fil-*BP 211* li *Rickmers* u *Edcon* kienu jaghmlu 50% tieghu.

L-ilmentatrici tissottometti li wiehed jinvesti flusu biex ikunu sikuri u ma jhallihomx id-dar fejn jistghu jigu misruqa, kif ukoll jaqla' xi haga tal-imghax fuqhom fl-istess hin minflok ihallihom reqdin f'kont *savings*; u kien proprju dan li xtaqet hi. Dan, filwaqt ukoll li ma riditx li jkunu marbutin ghal zmien twil

hafna halli jekk tigi bzonnhom ma jkunx hemm il-htiega li trid tissellef jew tistenna hafna.

Hi tenniet li din kienu ghamluha cara mal-*advisor*, li riedet kont sikur u mhux marbut ghal zmien twil u, ghalhekk, ma messha qatt giet offruta dawn l-investimenti. L-ilmentatrici indikat li dawn kienu investimenti *unsuitable* ghax kienu jgorru riskju li hi ma kinitx taf bih ghax lanqas qatt ma ssemmiet dik il-kelma u, minflok, l-enfasi kien isir fuq ir-rata tal-imghax u meta l-kont kien ikun ser jimmatura.

L-ilmentatrici stqarret li l-*BP 143, BP 188*, *BP 153* u *BP 211,* li kienu mahluqa mill-provditur tas-servizz, kienu jgorru riskju *non-investment grade* u kien id-dmir taghhom li jsegwuhom u jaraw x'jistghu jaghmlu fil-pront biex isalvaw flus il-klijenti taghhom li jkunu fdaw flushom maghhom. Izda, sfortunatament, dan ma sarx. Hi sahqet li dawn l-investimenti ma sarux fl-ahjar interess taghha.

Ghaldaqstant, l-ilmentatrici qed tistenna li tiehu lura t-telf ta' flus li hi garrbet, liema telf jammonta ghal €7,110 – *BP 143* (20% *RENA*) €910; BP 188 (25% *RENA*) €1,250; *BP153* (30% *RENA*) €450; *BP 211* (25% *Edcon*) €2,250; u *BP 211* (25% *Rickmers*) €2,250, li minnhom iridu jitnaqqsu €233.48 ta' xi *distributions*.

Dan, flimkien mal-imghax legali ta' 8% fis-sena, u li jigu rifondati l-ispejjez professjonali li hallset lill-provditur tas-servizz li jammontaw ghal 2% fis-sena.

**Risposti tal-Provditur tas-Servizz:**

Il-provditur tas-servizz issottometta zewg twegibiet datati 22 ta' Gunju 2018 u 5 t'Ottubru 2018.

Fl-ewwel eccezzjoni jghid li l-Arbitru m'ghandux il-gurisdizzjoni li jisma' l-kaz peress li fl-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* hemm imnizzel li kull kwistjoni ghandha tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru m'ghandux il-kompetenza jisma' l-kaz.

Barra minn hekk, fl-ewwel[1] risposta tieghu, il-provditur tas-servizz enfasizza wkoll il-fatt li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai*

[1] *A fol.* 124

*termini* tal-Artikolu 21(1)(b) u Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li l-ilment gie mressaq b'mod tardiv u, ghaldaqstant, '*preskritt*' u m'ghandux jigi ikkunsidrat.

F'din it-twegiba ma saritx referenza ghall-mertu tal-kaz tal-ilment, izda l-provditur tas-servizz indika li kien qed jirriserva d-dritt li jidhol fil-mertu fil-proceduri, liema mertu gie spjegat fl-ittra tal-istess provditur tas-servizz mibghuta lill-ilmentatrici fil-25 t'April 2018.

Din l-istess riserva tad-dritt li jidhol fil-mertu fil-proceduri, giet ukoll indikata fit-tieni[2] twegiba ghall-ilment filwaqt li rega' enfasizza fuq il-fatt li dan l-ilment gie mressaq b'mod tardiv u, ghaldaqstant, '*preskritt*' u m'ghandux jigi ikkunsidrat mill-Arbitru.

F'din it-tieni twegiba, gie pprezentat *timeline* ta' kif graw il-fatti. Il-provditur tas-servizz indika li f'Jannar 2013, fi Frar 2013, f'Ottubru 2013, u f'April 2014, sar l-investiment fil-*BP 143, BP 153*, *BP 188,* u *BP 211* rispettivament.

F'Ottubru 2014, l-ilmentatrici giet infurmata li *RENA GmbH* talbet il-protezzjoni tal-qorti taht il-ligi Germaniza u bdiet tinnegozja ristrutturar fuq l-obbligi tad-dejn.

F'Gunju 2016, hi giet infurmata li *Edcon Group* mhux ser ihallas l-imghax minhabba problema ta' likwidità. Sussegwentement, f'Lulju 2016, l-ilmentatrici giet mgharrfa li kien hemm probabbiltà li *Edcon Group* ser jghaddi mir-ristrutturar tal-obbligi tad-dejn, u dan filwaqt li giet infurmata ukoll li ghalkemm il-*bond* mahruga mill-kumpanija *Rickmers Holding* qed thallas l-imghax, l-industrija ma kinitx sejra tajjeb. Il-provditur tas-servizz sahaq li hawn l-ilmentatrici iddecidiet li tistenna.

Eventwalment, kien f'April 2018, li l-provditur tas-servizz ircieva ittra ta' ilment datata 6 t'April 2018, mibghuta minghand omm l-ilmentatrici, u ntbaghtet risposta fil-25 t'April 2018. L-ilment tressaq, imbaghad, ghand l-Ufficcju tal-Arbitru fit-12 ta' Gunju 2018.

L-Arbitru jixtieq jaghmilha cara li m'hemm l-ebda dritt moghti mil-ligi biex provditur tas-servizz iwiegeb u jghid li ser jirriserva li jwiegeb ulterjorment

[2] *A fol.* 167

ghaliex l-Artikolu 22(3)(c) tal-Kap. 555 jaghmilha cara li l-provditur tas-servizz ghandu z-zmien biex iwiegeb u anke eccezzjoni tal-preskrizzjoni (li fil-proceduri ordinarji tista' tinghata anke fi stadju tal-Appell) trid tinghata fir-risposta ahseb u ara kemm jistghu jinghataw risposti ulterjuri '*dwar il-mertu'*. Ir-risposta trid tkun wahda u kompluta.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkunsidra**

***Eccezzjonijiet dwar Gurisdizzjoni***:

Dwar dawn l-eccezzjonijiet, a bazi tal-Artikoli 21(1)(b) u 21(2)(b), l-Arbitru ta decizjoni preliminari[3] datata 10 ta' Dicembru 2018, u l-Arbitru iddecieda li in kwantu ghall-ilment dwar l-investimenti *BP 143*, *BP 188* u *BP 153,* dan gie pprezentat tardivament u, ghalhekk, ma setax jiehu konjizzjoni dwar dawn l-investimenti, izda dwar il-*BP 211*, l-ilment gie pprezentat fil-hin u l-Arbitru ddecieda li jkompli jikkunsidrah. L-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 21(2)(b) giet michuda.

Irid jigi spjegat li t-termini stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 huma perentorji u, jekk min jilmenta ma josservax dawn it-termini dekadenzjali, l-Arbitru m'ghandux il-kompetenza li joqghod jindaga r-raguni ghalfejn dawn it-termini ma jkunux gew osservati.

***Eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 17 tat-Terms of Business Agreement***

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex, skont it-*Terms of Business Agreement*, Artikolu 17 tal-istess jipprovdi li kwalunke tilwima trid tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jisma' l-kaz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

[3] *A fol*. 172

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd***., **deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

'*L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

'*Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi … Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ...'*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*'Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih'.*

Dan kollu gie kkonfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik recenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.* tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija u ghar-ragunijiet moghtija qed jichad din l-eccezzjoni.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[4]**

Ghalhekk id-decizjoni tal-Arbitru trid tkun ibbazata fuq dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ewku u ragonevoli **fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**Dan gie anke kkonfermat mill-Qorti tal-Appell[5] meta qalet:**

***'Inoltre, skont l-artikolu 19(3)(b) tal-Kap. 555, fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu, l-Arbitru "... ghandu jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz". Kliem li jaghtuh a wide margin of appreciation meta jkun qieghed jiddeciedi dwar l-imgiba ta' min ikun ta s-servizz lill-konsumatur.'***

**L-element tal-partikolarità tal-kaz huwa ta' importanza kbira** ghaliex huma l-fatti tal-kaz li jiddistingwu kaz minn iehor.

[4] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[5] *Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.*, 11/02/2019

Dan il-kaz huwa partikolari ghaliex il-persuna li qed tilmenta hija persuna li tbati mill-kundizzjoni tal-awtizmu. Din hija partikolarità wahda tal-kaz li hija importanti ghaliex l-Arbitru gie pprezentat b'dokumenti iffirmati minnha liema dokumenti gew mghoddija lilha biex sempliciment tiffirmahom minghajr ma gew spjegati lilha.

Fix-xhieda tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz xehed:

*'Nixtieq niccara li jien dejjem tkellimt ma' DU li dejjem hadet kull decizjoni ghan-nom ta' bintha LU. Lil LU jien qatt ma iddiskutejt maghha fejn tista' tinvesti izda ommha kienet tiehu hsieb iggib il-firem ta' bintha.'*[6]

Minn dak li qed jghid ir-rapprezentant, ghalih li xi hadd imur jinvesti f'isem haddiehor u, minghajr ma jistaqsi xejn, jaqbad u jinvestilu huwa bizzejjed. Bla tlaqliq ta' xejn l-Arbitru jara li l-provditur tas-servizz agixxa b'irresponsabbiltà kbira u ma mexiex mar-Regoli[7] mahruga mill-*MFSA* skont id-Direttiva *MiFID,* kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Huwa sinjifikanti kif f'dan il-kaz, apparti l-fatt li l-provditur tas-servizz kwazi ma dahal xejn fil-mertu proprju tal-kaz, ma pprezenta l-ebda dokument li juri li sar xi forma ta' ***Suitability* jew *Appropriateness Assessment,*** kif kellu obbligu li jaghmel. Ma giet ipprezentata l-ebda ***Fact Find*** u, fix-xhieda tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien aktar mohhu biex jikkontradixxi dak li qalet omm l-ilmentatrici milli biex verament jispjega fuq liema bazi iddecieda li jinvesti flus ta' persuna, li qatt ma ltaqa' maghha u, sempliciment, baghtilha d-dokumenti m'ommha biex tiffirmahom.

Barra minn hekk, wiehed irid ihares lejn dawn id-dokumenti li persuna bil-kundizzjoni tal-awtizmu kellha tiffirma. Jekk wiehed ihares lejn it-***Terms of Business Agreements***[8] jinnota li dawn huma dokumenti twal b'hafna kliem tekniku li zgur persuna bhall-ilmentatrici qatt ma setghet tifhem.

Dawn it-tip ta' dokumenti anke jmorru kontra l-Artikolu 47 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

[6] *A fol.* 183
[7] *Investment Services Rules for Investment Providers Part B1: Standard Licence Conditions (SLC)*
[8] *A fol.* 128 *et seq;* 143 *et seq*

‘***47. (1) F’kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x’uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b’lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista’ tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom.’***

Zgur li dawn il-kuntratti ma kinux miktubin b’mod li l-ilmentatrici setghet tifhem u, allura, l-Arbitru m’ghandux triq ohra hlief li jikkonkludi illi dak li kien jimpurtah ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien li jikseb il-firma tal-ilmentatrici biex, imbaghad, ikun jista’ juza l-istess dokument sabiex ikun jista’ jezonera ruhu.

Ghalkemm il-provditur tas-servizz jghid li l-omm kienet qed tagixxi f’isem bintha, ma pprezenta l-ebda prokura li turi dan u, ghalkemm persuna tista’ tagixxi u tiehu mandat anke bil-fomm, f’servizz tant kumpless u specjalizzat bhall-qasam tas-servizzi finanzjarji - fejn l-obbligi fuq il-provditur tas-servizz huma oneruzi - il-provditur tas-servizz kellu jassigura ruhu li l-omm kellha l-kunsens ta’ bintha biex tinvestilha flusha. L-atteggjament tar-rapprezentant f’dan il-kuntest kien wiehed ta’ traskuragni u legger ghall-ahhar.

Kif digà gie msemmi, il-provditur tas-servizz kellu jimxi mar-Regoli mahruga mill-*MFSA* taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta’ Malta kif stabbiliti bid-Direttiva *MiFID.* M’hemmx dubju minn dak li qalu kemm omm l-ilmentatrici kif ukoll il-provditur tas-servizz (li spjega li kien ta l-pariri necessarji), li dan is-servizz kien ***advisory service.***

Ghalhekk, skont ir-Regoli vigenti dak iz-zmien, kellu jaghmel *Suitability Assessment* tal-klijenta. Il-klijenta ma kinetx omm l-ilmentatrici, izda l-ilmentatrici ghaliex hekk johrog kemm mit-***Terms of Business Agreement*** kif ukoll minn dokumenti ohra li juru li l-kont kien f’isimha. Ir-rabta kuntrattwali kienet bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz.

Ghalhekk kellu jikseb l-informazzjoni kollha necessarja dwar il-klijenta:

‘*When providing* ***investment advice*** *or portfolio management services, the Licence Holder shall obtain the necessary information, in accordance with SLCs 2.16 to 2.20 and SLC 2.22 to 2.24 regarding the client’s or potential client’s knowledge and experience in the investment field relevant to the specific type*

*of product or service, his financial situation and his investment objectives so as to enable the Licence Holder to recommend to or, in the case of portfolio management, to effect for the client or potential client, the Investment Services and Instruments that are suitable for him'.*[9]

Mill-provi migjuba quddiem l-Arbitru jidher li dan l-obbligu l-provditur tas-servizz ma ghamlux ghaliex hu stess ammetta li kien jibghat il-karti lill-ilmentatrici sempliciment biex tiffirmahom.

Il-provditur tas-servizz kellu wkoll jaghmel is-*Suitability Assessment* kif jipprovdu r-Regoli dak iz-zmien:

*'The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. It meets the investment objectives of the client in question;*

*b. It is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

c. *It is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio*'.[10]

L-oneru li jigi ippruvat li sar dan is-***Suitability Assessment*** u li l-klijenta kienet tissodisfah jaqa' fuq il-provditur tas-servizz, haga li m'ghamilx f'dan il-kaz.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma ppruvax li dan il-prodott kien *suitable* ghall-ilmentatrici.

Dan ikompli jigi kkonfermat mill-fatt li l-*BP 211* kien tat-tip *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva li zgur ma kienx jipprotegi l-kapital li kellha tkun

[9] *SLC 2.13*
[10] *SLC 2.16*

il-konsiderazzjoni ewlenija li kellu jiehu l-provditur tas-servizz meta jqis jekk kellux jinvesti flus l-ilmentatrici jew le.

Meta l-ilmentatrici dehret quddiem l-Arbitru, ghaliex ommha riditha tixhed, seta' jinnota li apparti li ma kienet taf xejn dwar il-kaz, il-kundizzjoni taghha ma kinetx tali li, fil-fehma tieghu, setghet tixhed.

Ghalhekk, kieku l-provditur tas-servizz mexa mar-Regoli u ttanta jaghmel *Suitability Assessment,* kellu jinduna li l-ilmentatrici, kemm bhala *retail client* kif ukoll peress li ma setghetx tifhem ir-riskji abbinati mal-investiment, dan l-investiment ma kellux isir.

Barra minn hekk, bl-agir tieghu il-provditur tas-servizz ma segwiex ir-Regola ewlenija li tghid:

'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients ...'*[11]

Il-fatt li permezz t'ommha kien digà investielha flus qabel ma kellu jaghti l-ebda licenzja lill-provditur tas-servizz biex fil-kaz ta' dan l-investiment ma jsegwix ir-Regoli 'l fuq imsemmija u ma jagixxix b'mod professjonali, onest u gust; u lanqas ma kien jirrendi lill-ilmentatrici kapaci tifhem in-natura tal-*BP 211* u r-riskji li kienu marbuta mieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jiddeciedi li l-*BP 211* **ma kienx *suitable*** ghall-ilmentatrici u ma kellux jinbiegh lilha.

Fl-ahharnett, il-fatt li l-ilmentatrici giet ipprezentata b'dokumenti bi kliem tekniku li ma setghetx tifhem, apparti li jmur kontra l-Artikolu 47 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, kif 'il fuq spjegat, iwassal ghal dubji serji kemm l-ilmentatrici setghet taghti l-kunsens shih taghha biex issir din it-tranzazzjoni.

Finalment, kieku verament il-provditur tas-servizz ried jagixxi '*in the best interest of the client',* kif jghidu r-Regoli, kien jindaga ghal min kien qed jinvesti u kellu jasal ghall-konkluzjoni li fuq kollox kellu jipprotegi l-kapital tal-ilmentatrici li, peress li tiddependi minn haddiehor, l-istess kapital kien importanti ghaliha specjalment ghal meta trid tfendi ghal rasha.

---

[11] *SLC 2.01*

L-imgiba tar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz ma kinetx wahda professjonali u lanqas skont il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji kif ukoll ma kinetx tilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentatrici[12] li fuq kollox kienu l-protezzjoni tal-kapital.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment fil-konfront tal-investiment *BP 211* huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

Il-kumpens li ghandha tinghata l-ilmentatrici huwa kif gej.

L-ammont investit fil-*BP 211* (eventwalment, *BP 211.1* u *BP 211.2*) kien jammonta ghal €9,000. Skont il-*Gain/Loss Analysis*[13] ipprezentata mill-provditur tas-servizz, jirrizulta li tul il-perjodu li damet investita fil-*BP 211, BP 211.1* u *BP 211.2,* l-ilmentatrici rceviet €533.70, €332.50 u €217.75 f'kupuni rispettivament.

L-istess dokument jindika ukoll li mill-*bond Rickmers,* l-ilmentatrici rceviet ukoll is-somma ta' €52.34, filwaqt li mill-bejgh tal-*BP 211.2,* hi rceviet is-somma ta' €4,455.

Dan ifisser li meta l-ammonti ricevuti jigu mnaqqsa mill-kapital investit, l-ilmentatrici hi intitolata ghal kumpens ta' €3,408.71.[14]

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Crystal Finance Investments Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmien ewro u wiehed u sebghin centezmu (€3,408.71).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

---

[12] Kap. 555, Art. 19 (3)(c)

[13] *A fol.* 13

[14] €9,000 (kapital investit) – (€533.70 [kupun *BP 211]* + €332.50 [kupun *BP 211.1*] + €217.75 [kupun *BP 211.2*] + €52.34 [*sell value Rickmers*] + €4,455 [*sell value BP 211.2*]) = €3,408.71).

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**